# Il-Quddiem

## ANGLU MIZZI Staff Tekniku fl-Isptar Monte Karmeli

**X'inhi l-O.T. ?**

L-Occupational Therapy hija kull attivita' fizika jew mentali li tingħata lill-klijent bi skop ta' kura. Għal-daqstant, l-O.T. hija parti importanti fir-rijabilitażżjoni tal-klijent fejn persuna tiġI megħuna tilħaq l-ogħla livell tagħha, fiziku, mentali u socjali fl-isptar jew lura d-dar. Kulħadd jaf li fl-O.T. hemm l- Occupational Therapist li flimkien ma team ta' nies oħra huma nvoluti u għandhom responsabilta' kbira f'dik li hija kura tal-klijent. Grupp li flimkien ifassal programm u pjan ta' ħidma sabiex itejjeb l-kundiż żjoni u l-kwalita ta' ħajja għall-klijent. Grupp ifassalhom u ieħor iwettaqhom.

Min huma dawn in-nies l- oħra ? Hawnhekk nidħlu aħna, l-istaff tekniku. L-O.T. Technical Staff huma nies ġejjin minn kull qasam tal-ħajja u b'kapacitajiet diversi. Jinstabu nistgħu ngħidu f'kull sptar f'Malta u f'Għawdex. Huma nies flessibli li kapaċi jaddattaw skond il-bżonn u ċ-ċirkostanżi, waħda f'postijiet differenti tax-xogħol u t-tieni, l-aktar importanti, jaqdu l-bżonnijiet tal-klijent kif meħtieġ.

Din mhix xi ħidma fid-dipartiment ta' l-O.T. Dan qiegħed ngħidu min-ħabba, li minkejja uħud minn dawn l-O.T. Technical Staff ilhom jaħdmu fi ħdan id-dipartiment għal ħafna snin, uħud għal 15 u anke 20 sena u minkejja li saru diversi talbiet u attentati, dawn it-Technical Staff, għad ma għ andhomx l-għarfien meħtieġ sabiex jiġġustifikhom bħala tali. Jiġifieri bħala O.T. Technical Staff jew O.T. Technical Instructors. Għarfien ġustifikat u mportanti ħafna għas-servizz relatata ma' l-O.T. f'pajjizi barra minn Malta.

Saru diversi "In Service Training Courses " u taħriġ kontinwu għal dan l-istaff. Talbiet għal staff ġdid minħabba li s-servizz jikber u jinfirex. U propju għalhekk naħseb li wasal iż-żmien li jsir xi ħaġa sabiex aħna bħala O.T. Technical Staff niġu mgħarrfa kif suppost. Jekk is-servizz tat-technical staff huwa bżonnjuz u ilu jkun utilizzat għal dawn is-snin kollha, naħseb li n għandu jiġI wkoll ġustifikat u rikonoxxut.

Ġieli nsemmu l-kelma 'Burn Out'. Dan jiġri ħafna drabi fejn ma hemmx ħeġġa, inċentiv u stimulaż żjoni, biss tafux kulħadd uman u

jekk irridu ntejjbu s-servizz irridu niehdu hsieb l-aspettattivi kollha, li jaghmlu dan ix-xoghol wiehed possibli. Ma nistghux nimxu wah edna, biss flimkien u ndaqs bil-kapaċitajiet kollha taghna u ghal skop wiehed.. .. il-klijent.

Semmejt li bhala O.T. Technical Staff naghtu servizz u ghandna responsabilta'. X'inhi din? X'insibu fid-Dipartiment taghna? L-attivitajiet li wiehed isib huma hafna. Hemm l-arti, l-fuhhar, xoghol tal-kitba, ganċ, tisjir, xoghol tal-ġnien, xoghol tal-injam, iġjene personali u hafna ohrajn. Insibu xoghol industrijali fejn hemm hafna attivita' ghalkemm il-produżżjoni m'hi qatt emfasiż żata. Attivitajiet socjali u rikreattivi, bhal gym, hruġ kulturali, wiri ta' films, hikes, bahar, roti, teatru, exhibitions, u partecipażżjoni fil-karnival. Isiru laqghat fuq bażi personali u anke fi gruppi. Dawn l-attivitajiet ma jsirux ghall-moghdija taż-żmien, isiru bi skop speċifiku. Bhala parti mill-kura tal-klijent, u jekk tiġi rifjutata, tkun qieghed tirrifjuta l-kura.Isiru sabiex b'hekk wiehed jghin iwarrab l-apatija, nuqqas ta' inizjattiva u responsabbilta'. Id-dipendenza fuq l-isptar. Hawnhekk irridu noqghodu attenti, ghaliex aktar milli wiehed jimmudella individwu mill-ġdid, nahseb li rridu nirrispettaw u ma nitilfux il-kwalitajiet tajba tal-klijent li nkunu qeghdin nahdmu mieghu. Dan hafna drabi naghmluh minghajr ma nndunaw. Il-post innifsu jdahhal lill-klijent taht kundiżżjoni jew titlu. Niddettaw kull ma rriduh jaghmel u jsir.

Insakkruh ghaliex nghidu li sejjer jahrab.Irridu naraw u niżnu t-tajjeb tal-klijent u nibnu fuqu. Inkunu aktar ottimisti u positivi. Ma nassessjawx biss il-hazin, il-permanenza, ghal-inqas jekk dan hemm bzonn li jsir, inpoġġu it-tajjeb quddiem,.. .. .. l-ewwel fil-lista. Il-kura tal-klijent mhix izolament aktar jaqa' f'apatija. Bizzejjed jinfired mill-familja u l-hbieb. Ghandha tkun attivita', stimulażżjoni, parteċipażżjoni posittiva, mheġġa minn diversi nies u minn kull impjegat. Is-sehem tat-Technical Staff huwa mportanti f'dawn l-attivitajiet. Ghalhekk ghandhom ikunu differenti, u nteressanti, sabiex izommu lill-klijent ghaddej jiġifieri attiv fizikament u mentalment okkupat, sabiex meta jmur lura fis-soċjeta jkun jista' jkompli daqs l-ohrajn. Dawn isiru mid-dipartiment tal-O.T., biss ma jistghux jieqfu hawn. Dak li jinbeda minna jrid jitkompla kullimkien. Fl-isptar, fil-familja u fuq il-post

l-tax-xogħol. Il-ftit siegħat tat-therapy ma humiex biżżejjed. Iridu jitkomplew. Il-klijent ikun għ ad fadallu ħafna ħin għad- dis-pożiżżjoni tiegħu u jekk jaħlieh u ma juzaħx jiswieħ ta' ħsara. Kulħadd irid ikun jaf u jifhem il-bżonn ta' dawn eżerċiżżji li jagħtuh skop u sodisfażżjon.

Attivitajiet fejn wieħed jista' jesprimi t-talenti u l-kapaċitajiet tiegħu. Ezerċiżżji fejn aħna bħala staff inkunu nistgħu nindunaw u nsiru nafu aktar lill-individwu. Dak li nagħmlu huwa dak li nħossu. Dak li aħna. Mix-xogħol nindunaw bil-kwalitajiet tal-klijent. Tajbin jew ħżiena. Insiru nafu l-kundizzjoni tiegħu u kif jaħsibha. Insiru nafu lilu, lill familja tiegħu, lill-ħbiebu. X'hemm fi ħsiebu. Insiru nafu xi jrid isir u xi jrid minna l-klijent. Insiru ħ bieb u naħdmu flimkien. Nafdaw lil xulxin. Il-klijent jingħata ċ-ċans jitkellem u jesprimi ruħu. Jiġi mgħ ejjun jikseb kunfidenża fih innifsu u jafda l-oħrajn. Ma jibqax waħdu u għalih. Ħafna mix-xogħol irid jagħmlu hu, u mhux aħna. Jitgħallem jieħu deċizzjonijiet u jagħżel waħdu. Ikun independenti. Minbarra s-servizz li jingħata ġewwa isptar, l-O.T. Technical Staff huwa anke nvolut f'affarijiet oħra. Illum insibu per eżempju xogħol fil-kommunita' bħalma huma d-'Day Centre'.

Nattendu wkollis-'Psychiatric Unit' fejn isir xogħol ma klijenti ġewwa l-isptar u anke, minn barra l-isptar. Servizz ieħor li dan l-aħħar qegħdin noffru huwa dak fejn ngħinu lill-klijent (dejjem skond il-bżonn u sa fejn jippermettu l-mezzi) jirristabilixxi ruħu id-dar. Nipprovdu għajnuna materjali u manwali sabiex nirranġaw id-dar ta' min ikun lest imur lura fihom. Djar li għal diversi raġunijiet ma jkunux attrezati biżżejjed, jew neqsin minn affarijiet bażiċi. Dan huwa possibli bl-għajnuna ta' għaqdiet oħra u anke nies li dejjem taw ħafna, u dak kollu li setgħu għal dan il-għan.Meta wieħ ed jittratta klijent ma jistax jħares lejn ħaġa waħda biss, il-marda, u jinsa l-ħafna bżonnjuzi li mingħ arjhom ħafna drabi ma ngħaddux.

Qegħdin ngħixu f'dinja mgħaġġla u ta' konsum sfrenat, fejn jekk ma tkunx b'saħħtek fiżikament, mentalment u anke mill-att finan żjarju jkun diffiċli tgħix mingħajr ma tiffaċja problemi. Problemi għ all- bniedem hekk imsejjaħ normali, aħseb u ara l-klijent li diġa għandu l-mard.

Irridu nkunu realistiċi u umani. Irridu naħdmu u naħsbu fuq dak li nagħmlu. Irridu nippjanaw bis-serjeta' u nagħżlu dak li veru għandna bzonn u jservi fil-ħajja. Irridu naħdmu bil-qalb. Possibilment ank bi tbissima.